MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**BONNICI JOSEPH**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 484/2002/1

**Francis Degiorgio**

**vs**

**Jahel Grixti**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm120.00c (mija u ghoxrin lira Maltin) u dan kwantu ghal Lm40.00c (erbghin lira Maltin) hsara kkagunata fil-crash helmet ta’ l-attur, kwantu ghal Lm55.00c (hamsa u hamsin lira Maltin) hsara kkagunata fil-cellulari ta’ l-attur u kwantu ghal Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) hsara kkagunata fil-mutur ta’ l-attur f’incident li gara fit-23 ta’ Dicembru 2000 fi Triq ix-Xatt, Sliema, li ghalih il-konvenuta hi unikament responsabbli stante negligenza da parti taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghax, inkluzi l-ittra nterpellatorja tat-2 ta' Mejju 2001.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li hekk kif ser jigi pruvat waqt it-transazzjoni tal-kawza, l-incident imsemmi fl-Avviz tat-Talba sehh unikament tort tal-attur minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Isegwi li d-danni reklamati ghandhom jigu sopportati mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra

Illi l-kawza odjerna si tratta ghal kundanna ta' danni ghax l-attur filwaqt li kien ghaddej bil-mutur inhasel b'ilma mitfugh mill-vettura misjuqa mill-konvenuta.

Illi mhux kontestat li l-mutur misjuq mill-attur u l-vettura misjuqa mill-konvenuta ghaddew vicin xulxin. Kien hemm ilma bahar li jitla fl-Strand Sliema meta l-livell tal-bahar jeccedi l-bankina. L-attur jallega li l-konvenuta kienet negligenti fis-sewqan taghha meta ghaddiet minn hdejh u haslitu. Ixxarabblu l-crash helmet u l-mobile telephone. Inoltre meta mar jigri warajha, allega li laqtitlu l-mutur ukoll pero ma waqax.

Onus probandi incumbit ei qui dicit, non qui negat. It-Tribunal ma jista jiskontra xejn fis-sewan tal-konvenuta li jista' b'xi mod jaddebitalha xi tort. Kienet ghaddejja bil-mod – kien hemm wied ilma , aktar u aktar meta l-vettura taghha hija petrol u facilment tixxarbilha u tieqfilha.

Kienet qed issuq bil-galbu. Ma kienx hemm kundizzjonijiet sinistri li setghet issuq mod iehor. Veru li l-

attur ixxarrab xi ftit jew wisq pero' ma kienx rizultat ta' xi nuqqas tal-konvenuta. A rigward il-hsara fil-mutur dana gie kagunat meta l-attur stess mar jigri warajha u tmisslu xi ftit ma xulxin. Kienet l-azzjoni attrici li kkagunat il-habta, mhux dik evaziva tal-konvenuta. Filwaqt li din il-hsara kienet auto kagunata, dik tat-tixrib kienet accidentali. Huwa l-kaz lampanti ta' casus dominus.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talba attrici. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa lejn il-partijiet.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**